Il-Griegi xebbhu u għaqqdu lil Astoret ma' Ġunone u m[...] Artemja.

Il-Kartaġiniżi għarfuha taħt l-isem ta' Tanet, u l-kitti[...] latini jsemmuha "*Juno Cœlestis*" jew "*Virgo Cœlestis*".

* * *

Mita s-Saraċini ċekknu l-Belt, ġarrew din ix-xbieha ta' Ġuno[...] u qegħduha ġo niċċa fix-xellug tal-bieb.

Il-gwarniċa ta' dal-bieb, għadha sal-lum tidher mal-ħajt ħd[...] Porta Maggiore. Il-bieb kien wisq iżjed baxx milli hu l-lu[...] ngħidu aħna bħal dak ta' Bieb-il-Għariexem. Il-Belt, hekk i[...] ċekkna, semmewha Mdina.

Għad illi missirijietna ma kenux jaħmlu d-dehra ta' [...] l-istatwa, biex ma jatux xi jgħidu lill-Għarab, għal l-ewwel, [...] wrewx irwieħhom kontra tagħha, iżda, mita setgħu, ma baqgħ[...] li ma farkulhiex rasha u idejha biex itellfulha xbihietha.

Mita fl-1090, il-Konti Ruġġieru ħeles lil Malta mill-ħak[...] tal-Għarab, il-Maltin — fuq il-għada li kellu l-imperatur Kost[...]tinu li jibni bini mqaddes f'postijiet li qabel kienu swew lil l-alla[...] waqqfu knisja f'ġieh il-Verġni Mqaddsa hemm fejn qabel ki[...] hemm ix-xbieha ta' Ġunone.

Għad li ma nafux sewwa fliema sena nbniet dil-knisja, l[...] fors li kienet minn l-ewlenin. Mons. Duzina, li żâr Malta fl-15[...] isemmiha fost dawk li żâr.

Fl-1591 kienet sejra tittieħed mill-Konfraternita ta' Sa[...] Barbara u fl-1592, wara l-pesta, ġiet imsemmija għal Sa[...] Rokku u taħt dan l-isem insibuha fl-1780 mal-knejjes li k[...] jagħmel minnhom l-Isqof imsemmija minn Ferris fl-Istorja tieg[...] tal-Knejjes ta' Malta u Għawdex.

Minnħabba l-ħsara li ġarrab il-Katidral fit-terremot ta' l-16[...] il-Kapitlu dam jiffunzjona f'din il-Knisja għal tliet xhur.

Kien xi żmien li dil-knisja qagħdet għal skola tan-nek[...]mazija. Nekromazija hi bħal sħar li bih jobsru billi jitkell[...] mal-mejtin. Iżda mita dil ħaġa ġiet projbita, il-knisja s[...] għat-tagħlim.

Fl-1727, il-Gran Mastru Vilhena ried jagħmel xi tiswij[...] fil-bini ta' dik in-naħħa, fuq pjanta ta' l-inġinier Mondion. D[...] kien Kavalier ta' l-Ordni.

Għal din it-tiswija kellu jispiċċa l-bieb il-qadim, kif u[...] kellha tinħatt il-knisja ta' *Santa Maria della Porta*. Fejn kien[...]



knisja saret biċċa mill-bitħa tal-Palazz Maġistrali, il-lum *Connaught Hospital*.

Biex tinħatt il-Knisja kienet tinħtieġ ir-rieda ta' l-Isqof. Il-Baruni Markanton Inguanez talab lil l-Isqof, u dan wara li wegħduh li jibnulu oħra quddiem il-Knisja tal-Karmnu, qal iva.

Sa da't-tant, in-nies kienet insiet dak il-ġisem bla ras fin-niċċa, u dik il-mibegħda ta' missirijiethom mietet biż-żmien. Iżjed: dik ix-xbieha—li tqiegħdet fix-xellug tal-bieb il-ġdid b'wiċċ ġdid tar-rħam—ittieħdet bi xbieha tal-Madonna: iktarx ħasbuha xi madonna stil Biżantin.

B'dana kollu, il-mibegħda lejn l-alla falż reġgħet dehret fihom mita għarfu x'kienet dik l-istatwa. Haġġruha u laqqmuha "Is-sewda".

U hekk, fil-ħin li għabet il-Knisja tas-Sultana tas-Sema, ix-xbieha ta' l-alla falz damet għal seklu u nofs oħra qiegħda għad-daħk tal-Poplu. Inbagħad tqiegħdet il-mużew mal-fdalijiet l-oħra ta' żmien il-qedem, bħala biċċa xogħol orjentali u fl-istess ħin biex turi bid-dieher il-mibegħda lejha ta' missirijietna, mita kienet għabet minnhom kull xorta ta' ġieh u ta' qima lejha.

S.

# IL-GĦARBIEL TAL-ĦARIR IRQIQ

## MKELLEM U MITKELLEM

*Mkellem* ġejja minn, u hija l-magħmul ta', *kellem-jkellem*.

*Mitkellem* ġejja minn, u hija l-magħmul ta', *tkellem-jitkellem*.

"Tkellem bniedem. Titkellem ilsien"

Mela: *mkellem* toqgħod għal min titkellem miegħu, jiġifieri l-persuna li magħha wieħed jitkellem. *Mitkellem* toqgħod għal lsien (lingwa) li bih titkellem.

Għalhekk ingħidu:

"Bil-lsien qarib mill-kbir San Pawl mitkellem
Imfieħem kien ġens il-Maltin u mkellem."

V. M. B.